



Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors tal-ex Kummissarju John Dalli dwar ir-riżenja tiegħu allegatament mitluba mill-President Barroso

J. Dalli effettivament ippreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju waqt il-laqgħa mal-President Barroso fis-16 ta' Ottubru 2012

Fis-16 ta' Ottubru 2012 inżammet laqgħat bejn José Manuel Barroso, President tal-Kummissjoni Ewropea, u John Dalli, ex Kummissarju ta' nazzjonalità Maltija responsabbli għas-saħħa u għall-protezzjoni tal-konsumaturi, wara t-trażmissjoni ta' rapport tal-OLAF li kkonkluda li dan tal-aħħar kien ipparteċipa f'diversi laqgħat – mhux uffiċjali u kunfidenzjali – ma' rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk mingħajr il-parteċipazzjoni, u mingħajr l-għarfien, tad-dipartimenti kompetenti.

Skont l-OLAF, l-immaġni u r-reputazzjoni tal-Kummissjoni kienu ġew kompromessi f'għajnejn il-produtturi tat-tabakk u, potenzjalment, f'għajnejn l-opinjoni pubblika. L-aġir ta' J. Dalli seta' għalhekk jitqies, dejjem skont l-OLAF, li kien nuqqas serju għad-dmir tiegħu li jaġixxi b'osservanza tad-dinjità u tal-obbligi marbuta mal-funzjoni tiegħu.

J. Dalli qed isostni li, matul din il-laqgħa, il-President Barroso eżiġa r-riżenja tiegħu filwaqt li invoka d-dispożizzjoni tat-Trattat UE ¹ li tipprovdi li "[m]embru tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk jiġi mitlub jaġimel hekk mill-President". Huwa qed jitlob l-annullament ta' din l-allegata talba verbali. Il-Kummissjoni qed tikkontesta din l-allegazzjoni u qed issostni li J. Dalli ppreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju.

Lejn tmien din il-laqgħa bejn J. Dalli u l-President Barroso, ingħaqdu magħhom il-kap tal-uffiċċju tal-President Barroso, Johannes Laitenberger, u d-Direttur Ġenerali tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni, Luis Romero Requena. Siegħa wara t-tmien ta' din il-laqgħa, L. Romero Requena għadda lil J. Dalli abbozz ta' ittra ta' riżenja. J. Dalli ħassar ċerti siltiet minn din l-ittra iżda, madankollu, ma biddilx il-parti tagħha li kienet tirrigwarda r-riżenja tiegħu.

Sabiex issir taf jekk J. Dalli kienx irriżenja verbalment matul din il-laqgħa u jekk għamilx dan b'mod volontarju, il-Qorti Ġenerali ordnat id-dehra personali tiegħu fis-7 ta' Lulju 2014. Il-Qorti Ġenerali semgħet ukoll bħala xhieda, matul seduta li nżammet fl-istess jum, lill-President Barroso, lil J. Laitenberger, lil L. Romero Requena, lil Joanna Darmanin, ex kap tal-uffiċċju ta' J. Dalli, u lil Frédéric Vincent, l-ex kelliem ta' J. Dalli.

Fuq il-bażi ta' dawn it-testimonjanzi u provi, il-Qorti Ġenerali tikkonstata, l-ewwel nett, li **huwa stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt li J. Dalli ppreżenta verbalment ir-riżenja tiegħu matul il-laqgħa** li huwa kellu mal-President Barroso fil-waranofsinar tas-16 ta' Ottubru 2012, u li huwa kkonferma verbalment din ir-riżenja fil-preżenza ta' J. Laitenberger u ta' L. Romero Requena.

Din il-konklużjoni hija kkorroborata, b'mod partikolari:

- mid-dikjarazzjoni magħmula fil-Parlament Malti mill-Prim Ministru Malti, matul is-seduta plenarja tas-16 ta' Ottubru 2012; L. Gonzi ddikjara, b'mod partikolari, li dakinhar stess huwa kien irċieva telefonata mingħand J. Dalli li matulha dan tal-aħħar kien spjegalu li kien ser

¹ Artikolu 17(6) TUE

jikkontesta l-allegazzjonijiet kollha magħmula kontrih iżda li kien iddeċieda li jirriżenja sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu aħjar;

- mill-intervista mogħtija minn J. Dalli lil stazzjon tar-radju Malti, fis-16 ta' Ottubru 2012 filgħaxija, li matulha huwa għażel li jippreżenta t-tluq tiegħu mill-Kummissjoni bħala għażla politika volontarja, filwaqt li ddikjara b'mod partikolari li "jiena mhu se noqgħod fuq żaqq ħadd" meta l-ġurnalista issuġġerixxa li l-President Barroso kien ġiegħlu jirriżenja;
- mill-assenza ta' konfutazzjoni minn J. Dalli tal-istqarrija għall-istampa ppubblikata mill-Kummissjoni madwar il-ħamsa ta' wara nofsinhar fis-16 ta' Ottubru 2012, li tagħha madankollu kellu għarfien u li kienet tirreferi għar-riżenja tiegħu;
- mill-assenza ta' dikjarazzjoni uffiċjali minn J. Dalli, b'mod partikolari fl-istqarrija għall-istampa tiegħu ppubblikata fis-16 ta' Ottubru 2012 filgħaxija, li biha jikkontesta r-riżenja tiegħu mħabbra mill-Kummissjoni;
- min-natura limitata tal-kummenti bl-idejn inklużi minn J. Dalli fl-abbozz ta' ittra ta' riżenja;
- mill-minuti tal-laqqgħa redatti minn L. Romero Requena fit-18 ta' Ottubru 2012, jiġifieri qabel l-ewwel kontestazzjoni tal-fatt jew tal-legalità tar-riżenja tiegħu minn J. Dalli, u li minnhom jirriżulta li J. Dalli, "[...] filwaqt li ċaħad b'mod kategoriku l-akkużi magħmula kontrih, indika li, sabiex ikun jista' jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu, huwa kien qiegħed jagħti r-riżenja tiegħu bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea b'effett immedjat".

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li **J. Dalli ppreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju** u mingħajr ma din kienet is-suġġett ta' talba formali mill-President Barroso.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva li, fi stadju bikri tal-laqqgħa, il-President Barroso kien konvint, fid-dawl tal-fatt li J. Dalli ma pprovdiex spjegazzjonijiet kompleti u sodisfaċenti bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-OLAF, li J. Dalli kellu jitlaq mill-Kummissjoni, u li l-President Barroso kien iddeterminat li juża, għal dan il-għan, il-poter tiegħu taħt l-Artikolu tat-TUE li jitlob lil J. Dalli jirriżenja. Fl-istess ħin, il-President Barroso baqa' lest li, fl-interess stess ta' J. Dalli, jagħmel lil dan tal-aħħar dak li fil-fehma tal-President Barroso kien il-"favur politiku" li J. Dalli jkun jista' jippreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju, mingħajr talba formali min-naħa tal-President Barroso.

F'dan il-kuntest, il-fatt li l-President Barroso sostna ma' J. Dalli, b'mod dejjem iktar insistenti fid-dawl tar-retiċenza u tal-eżitazzjoni min-naħa ta' J. Dalli, li kien ikun iktar onorabbli għalih li jirriżenja minn rajh milli jekk jiġi mistieden jagħmel hekk, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-allegata deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, sakemm ma ġietx ifformulata b'mod ċar talba għal riżenja skont l-Artikolu tat-TUE, mill-kummenti tal-President Barroso, kienu kemm kienu insistenti, ma tirriżulta ebda talba f'dan is-sens li setgħet affettwat l-interessi ta' J. Dalli billi bidlet, b'mod sinjifikattiv, is-sitwazzjoni legali tiegħu.

Peress li l-eżistenza ta' din it-talba, li tikkostitwixxi l-att ikkontestat permezz ta' din it-talba għal annullament, ma ġietx stabbilita, il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tiċħad ukoll it-talba għad-danni.

NOTA: Appell, mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn min-notifika tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinholq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test [sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell 📞 (+352) 4303 3355